**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 31 ta' Ottubru 2024**

Rikors Numru: 78/24 AL

AB

vs

CDE

(M.R. Numru 2880/2017)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewġu f'Malta fit-tmienja (8) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fil-knisja ta' Gesu Nazzarenu f'Tas-Sliema, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ, kopja originali hawn annessa u mmarkata bhala 'DOK A';

2. Illi l-partijiet ilhom separati de jure mit-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u dan permezz ta' kuntratt ta'

separazzjoni vigenti bejniethom fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall, kopja originali tal- imsemmi kuntratt hawn annessa u mmarkata bhala 'DOK B', izda l-istess partijiet ilhom de facto separati mill-1 ta' Gunju tas-sena 2018, u dan kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta' separazzjoni imsemmi (ara klawzola (u) f'pagna sebgha (7));

3. Illi kif jidher fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni personali, il-partijiet irrinunzjaw reċiprokament mid-dritt għall-manteniment minghand xulxin u m'ghandhom ebda pendenza ma' xulxin rigward xi aspett patrimonjali;

4. Illi tajjeb jingħad ukoll illi minn dan iz-zwieg ma' twieldu ebda tfal;

5. Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni stante illi l-partijiet jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin, f'residenzi differenti u mingħajr ma jikkomunikaw ma xulxin, kollox kif deskritt fl-anness affidavit tal-esponent hawn anness u mmarkat 'DOK C';

6. Illi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti, skond kif tirrikjedi l-Ligi u kwindi m'hemm l-ebda impediment għall-ħall taż-żwieġ, u fic-cirkostanzi, mhux mehtieg li ssir medjazzjoni bejniethom

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet skond l-artikolu 66D tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili sabiex f'terminuz perentorju ffissat minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar- Reġistru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Rat in-nota tal-intimata a fol. 37 tal-process li permezz taghha esponiet:

1. Ili l-esponenti taqbel mal-fatti dikjarati fir-rikors promotur u filwaqt li tistqarr li m'hemmx imposizzjoni ghal hall taz-zwieg bejn il-partijiet tiddikjara li m'ghandha l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet kif hekk prezentati mir-rikorrenti.
2. Illi l-esponenti teccepixxi li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ma ghandhomx jigu sapportati minnha.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Marzu 2024;

Rat in-nota tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Dicembru 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.